MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Numru 613/2001

Il-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
vs
Anthony Camilleri

Il-Qorti;

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli talli f'dawn il-gzejjer fit-23 ta' April 1999 u fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala ditentur tal-fond "Macaw Ltd" fi Triq il-Gharghur, B'Kara jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent eletriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal LM193.24c8, ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

2. Talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku.

3. Talli fl-istessi zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti hi mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas l-ispejjes ta' l-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni ghal dan.

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, wara illi rat l-Artikoli 261(b), (c), (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 280, 281, 283, 325(c), u 533 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta u l-fatt illi irregistra ammissjoni u ghalhekk tara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut.

Ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-ligi ghal din is-sentenza.

Il-Qorti tobbliga lill-hati sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mir-Registratur tal-Qorti ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur